MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Numru 533/2004

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Massimiliano Dimech ta' 23 sena iben Francis u Maria Dolores nee Buttigieg imwieled Pieta' fil-21 t'Ottubru 1981 residenti 55 Flat 4 Triq is-Sliem Marsaskala ID 575981 (M)

2. Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-14 ta' Diċembru 2004 u fis-17 t'Ottubru 2004 u fis-sitt xhur ta' qabel l-14 ta' Diċembru, 2004 b'diversi atti magħmulin b'riżoluzzjoni waħdi anki jekk if żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu

liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-drogi msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċnezja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur ta-regolament numru 4 tar-regoli ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kap meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni gaħll-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi GN 292/1939 **kif sussessegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2004, iċ-ċertifiakt tat-twelid 5759 ta' l-1981, il-fedina penali ta' l-imputat, ir-risposta ta' l-imputat li mhux ħati, id-digriet tas-16 ta' Diċembru 2004 li bih il-Qorti kienet ordnat id-divjet ta' isem l-imputat

minħabba li dan kien jista' jfixkel investigazzjoni oħra, id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħatra ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex jagħmel l-analiżi (fol 23) u d-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena a fol.65.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

6. Skond ix-xhieda ta' l-Ispettur Dennis Theuma, il-każ odjern għandu x'jaqsam ma' żewġt ijiem – 17 t'Ottubru 2004 u l-14 ta' Diċembru 2004. Fis-17 t'Ottubru 2004 l-imputat twaqqaf fil-karozza u fil-vettura tiegħu nstabu għaxart iqratas li fihom kien hemm is-sustanza suspettata droga (fol.26). Tfittxija fir-residenza tiegħu kienet negattiva.

**L-ewwel Stqarrija**

7. Fl-istqarrija tiegħu tat-18 t'Ottubru 2004, l-imputat ammetta li l-pakketti kienu tiegħu u li kien fihom id-droga eroina. Huwa kien jikkonsma żewġ grammi jew anke aktar kull jum. Huwa qal ukoll:

***'Nammetti li biex inkun nista' mmantni l-vizzju parti minn dawk il-pakketti kont ser neħodhom jien u l-oħrajn inneħihom cioe bnigħhom lil terzi persuni biex ikolli biex ninqeda jien.'***

8. L-imputat qal ukoll li kien jikkalkola l-piż fuq għajnejh u qatt ma uża xi miżien. Fil-qratas li sabulu l-Pulizija kien hemm madwar żewġ grammi b'kollox.

9. Fl-14 ta' Diċembru 2004, sarettfittxija fuq il-karozza ta' l-imputat u fil-karozza nstabu żewġ pakketti b'sustanza kannella. Dawn isntabu fuq in-naħa tax-xufier tal-vettura COR 003, jiġifieri fejn kien bil-qegħda l-imputat. Waħda

mill-boroż kien fiha madwar 5 grammi kollha f'daqqa ġo borża waħda u l-oħra kien fiha 7 qratas żgħar.

**It-Tieni Stqarrija (15 ta' Diċembru 2004) (fol.31).**

10. L-imputat qal li d-droga kienet tiegħu. Huwa qal li kien jieħu madwar gramma droga kull jum. Dwar id-daqs identiku tal-qratas l-imputat qal li dawn kienu hekk biex ikun jaf x'qed jieħu. Huwa ammetta li kien baqa' juża d-droga iżda nnega li kien biegħha. Huwa kellu ħafna dejn.

**Xhieda tal-Prosekuzzjoni oħrajn.**

11. PC 10 Trevor Cassar Mallia kkonferma s-sejbioen tal-boroż suspettati bl-eroina nhar is-17 t'Ottubru, 2004. Imbagħad fl-14 ta' Diċembru, 2004, waqt lid an ix-xhud kien qed ifittex fil-karozza, fir-running board tal-bieba eleva borza bi trab kannella li kien fiha bejn wieħed u ieħor xi ħames grammi u borża oħra li kien fiha xi boroż żgħar suspettati eroina.

12. PC 579 Antoine Micallef xehed li kienet saret tfittxija COR Toyota Blue ta' l-imputat.

13. PC 1574 ikkonferma li PC 10 Trevor Cassar Mallia kien sab żewġ boroż taħt ir-running board tan-naħa taħt il-bieb tan-naħa tax-xellug. Ġo waħda minnhom kien hemm trab kannella u ġo l-oħra kien hemm biċċiet ta' boroż. Fuq persunt l-imputat ma kien instab xejn.

14. L-Ispiżjar Mario Mifud ikkonferma li huwa għamel l-analiżi u sab l-eroina fl-għaxar boroż misjuba fis-17 t'Ottubru, 2004 (madwar 1.966) u madwar 6.684 grammi eroina fl-esibit li kellu x'jaqsam ma' mas-sejba ta' eroina fl-14 ta' Diċembru 2004. Il-purita' kienet ta' 35%.

15. PS 1086 Johann Micallef xehed li fis-17 t'Ottubru 2004 kienu nstabu 8 kantunieri bi tab kannella flimkien ma żewġt iqratas fil-karozza ta' l-imputat. (fol.68)

**Xhieda Difiża**

16. Dr.Ray Grech innota li l-imputat kien għamel għamel progress konsiderevoli. (Ara fol.70 xhieda ta' l-10 ta' Jannar 2006). Huwa reġa' xehed fl-4 ta'Lulju, 2006 u qal li l-imputat kein għamel il-programm kollu. L-imputat kein integra ruħu mal-familja.

17. L-istess kumment jidher rifless fis-social inquiry report fejn l-imputat jidher li jħobb ipinġi u kien bi ħsiebu jibda kors fl-MCASt. Jidher li fit-tfulija kellu xi diffikultajiet. L-imġiba ta' l-imputat mal-ħenituri u ħutu marret 'il quddiem ħafna. (fol.86).

18. Is-Sur Donald Friggieri xehed li l-imputat ma kien jagħti ebda problemi fil-kulleġġ fejn kien qed jattendi u r-rapporti ta' l-għalliema kienu favorevoli ħafna kif jidher mid-dokumenti ppreżentati. (fol94-96).

19. L-imputat xehed li jiddispjaċih għal dak li ġara u li issa qed jaħdem ma' kumpanija bħala machine operator. Huwa jpinġi wkoll fuq iċ-ċeramika.

20. Missier l-imputat ikkonferma li kienet saret bidla kbira fl-imputat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

21. Mill-istqarrija ta' l-imputat tat-18 t'Ottubru, 2004 toħroġ ċar l-intenzjoni biex jispaċċja għax hu stess stqarr li kien ser ibiegħhom lil terzi beix imantni l-vizzju tiegħu. Jekk ma għaddihomx, kien għax waslu l-Pulizija u sfrattaw it-tentattiv ta' bejgħ.jidher. Il-Qorti m'għandha ebda dubju wkoll li l-imputat kien f'pussess sempliċi ta' l-eroina kif ukoll f'dak aggravat. Dan jirriżulta milli qal kif ukoll mill-mod kif kienu mqassmin il-qratas. L-evidenza forensika hija ċara. Għalhekk għal dak li seħħ fis-17 t'Ottubru, 2004, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' tentattiv ta' bejgħ (ex admissis) liema reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni kif ukoll ta' pussess aggravat li jidher fit-tieni imputazzjoni iżda huwa assorbit fl-ewwel imputazzjoni.

22. Dwar dak li seħħ fl-14 ta’ Diċembru, 2004, is-sejba ta’ eroina mill-Pulizija hija kkonfermata minn dak li xehdu l-Pulizija stess, minn dak li stqarr l-imputat kif ukoll mill-prova forensika. L-ammont ta’ Diċembru kien ta’ 6.684 grammi u borża minnhom kien fiha ħames grammi. L-imputat ċaħad li kien baqa’ jbigħ id-droga iżda l-ammonti misjuba, il-mod kif inhuma mqassmin is-sachets, u l-post fejn instabu (barra fit-triq fil-karozza ta’ l-imputat) ma jħalli ebda dubju li fl-14 ta’ Diċembru 2004, l-imputat kien fil-pussess aggravat ta’ l-eroina ai termini tat-tieni imputazzjoni..

23. Isegwi li l-Prosekuzzjoni ppruvat iż-żewġ imputazzjonijiet.

## Konklużjoni

24. Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, l-artikolu 17(h), 18 u 41(1)(a) tal-Kap 9, l-artikoli 22(5), 22(1)(a) 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kap 101, issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet kif ġej: (1) dwar dak li seħħ fis-17 t’Ottubru 2004 ta’ tentattiv ta’ forniment tad-droga eroina liema reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni; (b) ħati tat-tieni imputazzjoni b’dan pero’ li din hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini ta’ l-artikolu 17(h) tal-Kap 9;

(2) Dwar dak li seħħ fl-14 ta’ Diċembru 2004 l-imputat qed jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni biss u qed ikun liberat mill-ewwel imputazzjoni.

25. It-tentattiv taħt il-Kap 101 iġorr l-istess piena daqs li kieku wieħed ittraffika.

26. Għal dik li hi piena, il-Qorti kkonsidrat:

(1) mil-lat negattiv li

**(a) dan ma kienx każ ta’ darba u li f’temp ta’ xejn l-imputat reġa’ nqabad b’aktar droga milli kellu qabel ;**

(b) l-ammont sostanzjali involut;

(2) Mil-lat pożittiv:

(a) Li l-imputat jimmerita li jgawdi mill-artikolu 29 tal-Kap 101 f'żewġ gradi;

(b) L-imputat bidel ħajtu radikalment.

27.Għaldaqstant, waqt li l-Qorti kkonsidrat ukoll id-dikjarazzjoni li għamlu l-Prosekuzzjoni u d-Difiża dwar il-piena, qed tikkundanna lill-imputat tlettax-il xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' 900 Ewro li tista' titħallas b'rata ta' mitt Ewro kull xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk il-multa jew xi parti minnha ma jitħallsux, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewro li ma jitħallsux.

28. Ai termini ta' l-artikolu 533, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' l-espert li 303.05 Ewro (Lm130.10). Jekk dawn ma jitħallsux, dawn ukoll jistgħu jinbidlu f'jiem ta' priġunerija bir-rata ta' jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

29. Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------